MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2006

Avviz Numru. 255/2004

**Avviz numru 255/04 DM**

**Lloyds (Malta) Ltd bhala rapprezentanti ex lege ghan-nom tal-membri ta' Llyods li jiffurmaw is-syndicates bin-numru 727, 1245, 807 u 510 u Rausi Insurance Agency Limited u b' nota tat-13 ta' Mejju, 2004 Lloyds (Malta) Ltd fil-vesti taghha ta' rapprezentant ex lege gewwa Malta ta' Lloyds ta' l-Ingilterra, qeghdha tiddeposita fl-atti ta' din it-talba l-lista ta' names ta' sindikati li qeghdin ikopru r-riskju taht il-polza li l-konvenuta ghandha favur taghha taht il-Kap 104 tal-ligijiet ta' Malta kif miktub f' dokument A.**

**Vs**

**Johann Attard**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ elf, hames mija u disghin lira Maltin  u erbgha u hamsin centezmi (LM 1,590.54c) u dana bhala risarciment ta’ danni subiti fil-vettura EBD 368 proprjeta’ ta’ Roberta Mifsud Bonnici assikurata ma’ l-atturi taht polza comprehensive liema atturi b’ hekk huma surrogati fid-drittijiet taghha, liema danni gew ikkawzati minnhom f’ incident tat-traffiku li sehh fil-Hamrun, fl-1 t’ Ottubru, 2003 b’ tort tieghu waqt li kien qed isuq il-vettura DAE 128.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra nterpellatorja tad-19 ta’ Jannar, 2004 u bl-imghax mid-data tal-perzenti kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenut permezz ta’ verbal tal-5 ta’ Mejju, 2006 deher il-Qorti u ddikjara li mhux qed jikkontesta r-responsabbilita’ izda  biss il-quantum tad-danni li qed jitolbu l-atturi u ghalkemm iddikjara li se jipprezenta l-eccezzjonijiet formali sa hmisatx-il gurnata qabel is-seduta li jmiss huwa baqa’ ma’ pprezenta ebda nota ta’ l-eccezzjonijiet, anzi wara illi l-atturi gabu l-provi taghhom u pprezentaw id-dokumenti kollha relattivi ghal dak li jirrigwarda l-ammont ta’ danni li gew ikkawzati minnhu, l-istess konvenut iddikjara li huwa sodisfatt bid-dokumenti esebiti u rrimetta ruhu.

Ghaldaqstant il-Qorti ssib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u l-Qorti qeghdha konsegwentement tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ghar-ragunijiet indikati fl-avviz ihallas lil atturi s-somma mitluba ta’ elf, hames mija u disghin lira Maltin u erbgha u hamsin centezmi (LM 1,590.54c).

Bl-imghaxijiet legali b’ effett mit-13 ta’ Mejju, 2004; u

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------